**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 22 ta' Marzu 2017**

**App. Nru. 21/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**DC**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra DC, karta ta' l-identita` numru XX, talli fil-Marsa u fi bnadi oħra ta' Malta fl-1 t'Awwissu 2008 għall-ħabta ta' 21.00 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(1) fit-triq jew f'post espost għall-pubbliku, tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali;

(2) biex issodisfat iż-żina ta' ħaddieħor ħajret għall-prostituzzjoni persuna ta' taħt l-eta` u cioe` lil bintha MC ta' sittax-il sena, jew eċċitat l-korruzzjoni tagħha, jew għenet jew iffaċilitat din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni;

(3) biex issodisfat iż-żina ta' ħaddieħor qabbdet fil-prostituzzjoni persuna ta' taht l-eta` u cioe` lil bintha MC ta' sittax-il sena;

(4) kisret il-provvedimenti ta' artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta datata 20 ta' Mejju 2008;

**2.** Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata 26 ta' Settembru 2008 (esebita a fol. 121 tal-proċess) fejn huwa deherlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub: (a) fl-artikoli 18, 204, 533 tal-Kodici Kriminali; (b) fl-artikolu 7 tal-Kap. 63;

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Jannar 2013 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap. 63 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija DC ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni u, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħdet lill-istess DC taħt Ordni ta' Probation u Servizz fejn l-Ordni ta' *Probation* ikun għall-perijodu ta' tliet snin u taħt il-kundizzjonijiet indikati fid-digriet anness mas-sentenza appellata, u fejn is-sigħat ta' xogħol fil-komunita` jkunu erbgħin (40) u skond il-kundizzjonijiet indikati fl-istess digriet u skond l-arranġamenti mhejjija mill-uffiċjal tal-*probation* Chantal Avellino; inoltre ddikjarat lill-istess DC mhux ħatja tal-bqija ta' l-imputazzjonijiet u minnhom illiberatha. Il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u isem l-istess DC fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni sabiex tiġi protetta l-identita` tal-minuri;

**4.** Rat ir-rikors tal-Avukat Generali ppreżentat fid-29 ta' Jannar 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellata ħatja ta' l-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha fejn ma ħaditx konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni, tħassarha u tirrevokaha fil-bqija u minflok issib lill-appellata ħatja tal-akkużi kif dedotti kontra tagħha u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellata esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali huma s-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiskarta l-istqarrijiet ta' l-appellata; (2) li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljata tal-provi meta lliberat lill-appellata mir-reat kontemplat fl-artikolu 204 tal-Kap. 9.

**7.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti qieset it-tliet stqarrijiet ta' l-appellata bħala inammissibbli għax meta rrilaxxjathom ma

ngħatatx il-fakulta` li titkellem ma'avukat. L-appellant jirreferi għal dak li jipprovdi l-artikolu 658[1] tal-Kodiċi Kriminali li għadu jinsab fl-imsemmi Kodiċi u li l-enfażi f'dak l-artikolu hu li konfessjoni, dment li ssir skond l-istess artikolu, għandha jkollha s-saħħa ta' prova favur jew kontra dak li jkun għamilha. L-appellant isostni illi hemm differenzi bejn il-każ odjern u l-każi ta' ***Salduz vs Turkey***, ***Pullicino*** u ***Privitera***. Jgħid:

"Fil-każ odjern l-appellata rrilaxxjat volontarjament u liberament tliet stqarrijiet. Kienet ben konsapevoli minn dak li kienet qed tagħmel, ma kinitx minorenni u vulnerabbli bħalma kienu Yusuf Salduz, Esron Pullicino u Alvin Privitera. Illi l-każ ta' Salduz kien wieħed estrem u eċċezzjonali. L-akkużi miġjuba kontrieh mill-istat Tork kienu ta' natura politika kellu biss sbatax-il sena meta ġie interrogat u ammetta l-akkużi mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta'avukat. Meta, iżda, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti, ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt **theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija**. Illi fil-każ tagħna D. C. qatt ma qalet li hi ġiet vjolentata, msawwta jew maltrattata mill-Pulizija jew li tbati minn xi forma oħra ta' vulnerabilita` hekk li faċilment tkun intimidita bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni.

"L-esponent jissottometti bir-rispett illi ċertament **il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali q*att* ma qalet li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni allura *bilfors* hemm leżjoni ta'smiegħ xieraq**, għaliex huwa wkoll prinċipju tal-istess Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li qorti m'għandhiex tħares biss lejn proċedura waħda in isolazzjoni imma għandha tikkunsidra t-totalita` tal-provi u proċeduri penali biex jiġi assigurat lil-artikolu 6, hekk kif sanċit fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ikun osservat.

"Fis-sentenza *Al-Khawaja and Tahery vs The United* Kingdom, li ngħatat tliet snin wara li ngħatat dik ta' Salduz, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-formazzjoni tal-*Grand Chamber* **ma sabet l-ebda leżjoni tal-artikolu 6 meta stqarrija ġiet ammessa f'ġuri**. Din il-Qorti fl-ogħla formazzjoni tagħha sostniet li stqarrija ma tistax tittieħed f'iżolament u titqies bħala l-binarju konklussiv ta' ġuri nġust; l-istqarrija hija biss fattur importanti fuq il-bilanċ tal-provi flimkien ma' salvagwardi proċedurali oħra.

"Aktar sinjifikanti minn hekk huwa l-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali Maltija fil-kawża ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012. Hawn il-Qorti ma sabet ebda leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u sostniet:

**"'Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta` sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u**

[1] **658.** Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

**lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta` fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.'**

"L-Ewwel Qorti fil-każ odjern skartat **kompletament l-istqarrijiet irrilaxxati mill-appellata, in kwantu li setgħu kienu vjolattivi tad-drittijiet tal-bniedem. Dan wassal sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tat rimedju hi għal-le**żjoni tad-dritt tas-smiegħ xieraq tal-akkużta, xi ħaġa li semmai kellu jkun il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali.

"Bil-fatt li ma sfilzathomx iżda warrbithom, il-Qorti rrendiethom xhieda inammissibbli – mingħajr ma qieset li l-appellata ***di sua sponte volonta`*** wara li ngħatat it-twissija mill-Pulizija li tista' tagħżel li tibqa' siekta, iddeċidiet bir-rieda ħielsa tagħha li tgħid il-verżjoni tagħha tal-fatti u dan għamlitu ben tliet darbiet.

"Minn eżami akkurat kemm ta' dawn l-istqarrijiet kif ukoll tax-xhieda li tat l-appellata *viva voce* fil-Qorti, jidher li hi iddeċidiet li ma tikkonfermax l-ewwel żewġ stqarrijiet iżda tikkonferma t-tielet waħda. Pero` fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma qalet għalfejn l-ewwel żewġ stqarrijiet ma kinux veritjeri! L-appellata sempliċement għażlet li tikkonferma t-tielet stqarrija għaliex forsi din hija l-inqas waħda li titfa dell ikrah fuqha u allura huwa evidenti li l-imputata kienet *choosy* u mhux kredibbli. Ta' min wieħed jgħid ukoll li meta l-appellata ġiet arrestata hija kienet mara matura ta' 41 sena u minn eżami tal-fedina penali tagħha jidher biċ-ċar li din ma kinitx l-ewwel esperjenza tagħha li sabet ruħha investigata mill-Pulizija. Tant hu hekk li D.C. instabet ħatja mill-Qrati Maltin tliet darbiet fosthom li kkommettiet ir-reat ta' serq ikkwalifikat."

**8.** Il-kwistjoni dwar l-aċċess għal avukat waqt l-istadju ta' l-interrogazzjoni ġie spiss dibattut mill-Qrati tagħna. Issa, f'**Borg vs Malta**[2] il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet preċiżament hekk:

"1. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).

"2. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be

[2] 12th January 2016.

irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see *Salduz*, cited above, § 55).

“3. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).

“....

“4. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

“5. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).

“6. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.”

**9.** Wara din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali tagħna għal darb’oħra kkunsidrat il-kwistjoni f’diversi okkażjonijiet[3]. F’**Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta’ Mejju 2016, dik il-Qorti qalet:

**“17. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta’ <u>Charles Stephen Muscat</u> u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa’ għal abbużi minnaħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta’ persuna akkużata b’reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza fuq imsemmija ta’ <u>Borg v. Malta</u> mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea.**

**“18. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta’ <u>Muscat</u>, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta’ buon sens.**

[3] Ara, per eżempju: **Carmel Saliba vs L-Avukat Ġenerali**, 16 ta’ Mejju 2016; **Stephen Nana Owusu vs L-Avukat Ġenerali**, 30 ta’ Mejju 2016; **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, 24 ta’ Ġunju 2016; **Aaron DC vs L-Avukat Ġenerali et**, 11 ta’ Lulju 2016.

**"19. Is-sentenza ta' Borg iżda għandha tinqara wkoll fid-dawl tas-sentenza l-oħra, ukoll fuq imsemmija, tal-istess Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech[4] fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.**

**"20. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur billi fl-istqarrija tiegħu l-attur ammetta l-ħtija. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.**

**"21. Dan ma jfissirx illi l-istqarrija ttieħdet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur; fid-dawl ta' dak kollu li ngħad fuq, partikolarment is-sentenza ta' Dimech il-ksur iseħħ jekk u meta jsir użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali. Anzi, meta tqis illi fl-istqarrija l-attur ta informazzjoni utli biex jistgħu jinqabdu terzi li jittraffikaw id-droga, il-pulizija kellha raġuni tajba biex tinterroga lill-attur minnufih biex tikseb din l-informazzjoni kemm jista' jkun malajr.**

**"22. Għalhekk il-qorti sejra tilqa' dan l-aggravju fis-sens biss li tgħid illi ma kienx hemm ksur tad-dritt tal-attur għal smigħ xieraq meta tteħditlu l-istqarrija, iżda, biex ma jseħħx dak il-ksur waqt il-proċess kontra l-attur, ma hijiex sejra tħassar l-ordni tal-ewwel qorti għat-tneħħija tal-istqarrija mill-inkartament tal-proċess...."**

**10.** Huwa evidenti minn din is-sentenza li, filwaqt li f'**Borg vs Malta** l-proċeduri kriminali kienu ġew konklużi, f'**Saliba**, fejn il-proċeduri ma kinux għadhom ġew terminati, il-Qorti Kostituzzjonali wkoll iddeċidiet li l-istqarrija ta' l-akkużat kellha titneħħa.

**11.** Fil-każ in eżami, l-appellata ġiet interrogata mill-Pulizija mingħajr ma ngħatat aċċess għal avukat, u dan fi żmien meta kien hemm "a systemic restriction applicable to all accused persons". Hija b'hekk irrilaxxjat tliet stqarrijiet mingħajr tali assistenza.

**12.** L-Avukat Ġenerali lanqas ma adduċa "compelling reasons" li setgħu jiġġustifikaw in-negazzjoni lill-appellata ta' aċċess għal avukat fl-istadju ta' l-interrogazzjoni.

**13.** Filwaqt li ma ntweriex u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrijiet in kwistjoni ttieħdu bi vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-ammissibilita` ta' stqarrija ta'

[4] Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik 34373/13.

akkużat skont kif provdut fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, nonostante cio`, għar-raġunijiet indikati, in-negazzjoni tad-dritt ta' assistenza legali "at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement".[5]

**14.** Kwindi l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Ġenerali qiegħed jiġi miċħud, u l-istqarrijiet ta' l-appellata jibqgħu kkunsidrati inammissibbli.

**15.** It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta lliberat lill-appellata mir-reat imsemmi fl-artikolu 204 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant jissottometti:

> "... a fol. 6 tas-sentenza l-Ewwel Qorti tgħid li *MC fl-ebda stadju ma qalet li hija daħlet fiċ-ċirku tal-prostituzzjoni fuq istigazzjoni ta' ommha u hija fil-fatt ikkorroborat dak li qalet ommha ... mill-provi rriżulta kjarament li l-minuri ddaħħlet fiċ-ċirku tal-prostituzzjoni minn terzi persuni u ad insaputa ta' ommha.* Minn din is-sentenza jidher li l-Ewwel Qorti kkunsidrat biss jekk l-omm istigatx o meno lit-tifla tagħha tagħmel ix-xogħol ta' prostituzzjoni. Iżda l-liġi ma titkellimx dwar istigazzjoni imma dwar min iħajjar, jeċċita, jgħin jew jiffaċilita għall-prostituzzjoni persuna ta' taħt l-eta`.
>
> "L-Ewwel Qorti aċċettat il-verżjoni li tat l-appellata meta din xehdet li dakinhar niżlet il-Marsa biex tara jekk kienx veru li t-tifla tagħha kienet qed tagħmel xogħol ta' prostituzzjoni. Pero` l-verżjoni tal-appellata mhijiex verosimili għaliex hi ġiet akkużata u nstabet ħatja wkoll li fl-1 t'Awwissu 2008 fil-Marsa fit-triq jew f'post espost għall-pubbliku, tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra mmorali. Għal dan ir-reat l-appellata rreġistrat ammissjoni fis-seduta tat-2 ta' Frar 2010 u sussegwentement l-Ewwel Qorti sabitha ħatja proprju li fl-1 t'Awwissu 2008 l-appellata kienet il-Marsa titlajja għal skopijiet ta' prostituzzjoni. Illi allura l-*punto di partenza* f'dan il-każ hu li *ex admissis* dakinhar l-appellata kienet il-Marsa titlajja bħala prostituta u li fil-fatt kienet hemm flimkien mat-tifla tagħha. Tant hu hekk li malli ġie klijent (R. B.) isaqsi kemm titħallas għas-servizzi ta' prostituta, D. C. mill-ewwel qaltlu ħmistax-il euro. Dan ifisser li mhux veru li l-appellata kienet hemm biex issegwi lit-tifla tagħha M. C. iżda kienet hemm għall-prostituzzjoni tant li fl-istqarrija tgħid ukoll li kienet ilha tagħmel dan ix-xogħol għal żmien sena, li dakinhar kienet għamlet ħames klijenti, li kuljum ikollha ħames klijenti, li sa fejn taf hi t-tifla dakinhar kellha klijent wieħed biss cioe` lir-R. B. u kienet taf ukoll li t-tifla titħallas ħamsa u għoxrin euro.
>
> "Illi iktar sinjifikanti minn hekk hija l-istqarrija ta' R. B. li ġiet esebita a fol. 104 u ammessa bħala prova stante li dan ix-xhud importanti kien laħaq miet fil-mori tal-proċeduri. R. B. jgħid li *'xi tliet kwarti qabel ma ġejtu intom, jien kont nieżel lejn il-Marsa u fejn Petrol Station ta' Rokku rajtha miexja ma' oħra lejn il-Marsa. Jien kont nafha lill-oħra imma tgħidlix x'jisimha. Waqaft ħdejhom u l-*

[5] Ara **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, 1 ta' Diċembru 2016.

*oħra ġiet fuqi u qaltli "Orrajt, ġej?" Jien saqsejtha jekk dik li kellha magħha kinitx tax-xogħol u hi qaltli iva u ġiet ħdejn il-karozza din li sibtuni magħha u l-oħra baqgħet sejra....'* D. C. fix-xiehda tagħha kkonfermat dan l-episodju ta' R. B. meta fil-kumpilazzjoni qalet a fol. 131 li *'Imxejna vera flimkien, iltqajna ma' wieħed bil-karozza sewda, all right, marret fuqu u* ***l-ewwel ma staqsa lili, qalli "bil-kemm?" Għidtlu: "fifteen euros."*** *Ma naħsibx li għoġbu ifhimni, it-tifla qallha "bil-kemm inti?" Qaltlu bit-twenty-five. Qallha "all right."'* L-esponent isaqsi jekk wieħed għandu jemmen lill-appellata meta din tgħid li marret il-Marsa biex tara jekk hux veru li t-tifla tagħha kienet hemm għall-prostituzzjoni, jagħmel sens li kif ġie klijent (R. B.), D. C. stess saħansitra qaltlu kemm titħallas tax-xogħol ta' prostituta u dan kollu ġara fil-presenza ta' bintha? D. C. fiż-żmien li seħħ dan il-każ kienet *ex admissis* prostituta u dakinhar kienet il-Marsa biex titlajja għall-prostituzzjoni. Hi kienet hemm flimkien mat-tifla tagħha M. C. li wkoll marret hemm biex tipprostitwixxi ruħha. Meta l-appellata rat lit-tifla tagħha tmur ma' R. B., kjarament għall-prostituzzjoni, hi bħala omm u allura bħala l-persuna responsabbli tal-minuri ma għamlet assolutament xejn dwar dan anzi telqet 'l hemm daqs li kieku ma ġara xejn. D. C. kienet qiegħda titlajja l-Marsa għall-prostituzzjoni proprju fil-presenza tat-tifla tagħha u fl-umli fehma tal-esponent ma hemmx dubju li f'dan ix-xenarju kollu żgur li l-appellata ffaċilitat jew għenet lit-tifla tagħha minorenni tidħol fix-xogħol tal-prostituzzjoni kif jgħid l-artikolu 204 tal-Kap. 9. L-omm suppost kienet mat-tifla minorenni biex tissalvagwardja l-interessi tat-tifla iżda minflok hi stess kienet prostituta u agħar minn hekk għamlitha ta' prostituta proprju quddiem it-tifla. Meta għandek sitwazzjoni bħal din fejn omm tmur mat-tifla tagħha għal skopijiet ta' prostituzzjoni żgur li tkun qed tiffaċilita, tgħin jew tħajjar it-tifla tidħol fil-prostituzzjoni u għalhekk l-esponent huwa tal-fehma li l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija anki fir-rigward tar-reat imsemmi fl-artikolu 204 tal-Kap. 9."

**16.** It-tieni aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**17.** Bħalma għamlet l-ewwel Qorti, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha ammissibbli. L-Avukat Ġenerali jiċċita parti mis-sentenza appellata u jgħid illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat biss jekk l-omm istigatx o meno lit-tifla tagħha tagħmel ix-xogħol ta' prostituzzjoni. L-ewwel Qorti għamlet aktar minn hekk, kif jidher mill-bran segwenti:

**"Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha prodotti kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza f'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputata effettivament hajret jew dahlet lil bintha fic-cirku tal-prostituzzjoni. Il-Qorti jidhrilha li mix-xhieda tal-minuri nnifisha, u cioe` MC, jirrizulta li din iddahhlet fic-cirku tal-prostituzzjoni minn terzi persuni**

**li hija ndikat fix-xhieda taghha u meta giet interrogata mill-Pulizija u hija, ghalkemm b'certu riluttanza semmiet min kienu dawn il-persuni. MC fl-ebda stadju ma qalet li hija dahlet fic-cirku tal-prostituzzjoni fuq istigazzjoni ta' ommha u hija fil-fatt ikkorroborat dak li qalet ommha meta xehdet f'dawn il-proceduri u cioe` li l-imputata kienet segwietha l-Marsa ghaliex kienet semghat konversazzjoni li kellha f'dan is-sens fuq it-telephone. Huwa minnu li mill-provi jirrizulta li l-imputata kienet ma bintha meta din rikbet fil-vettura ma' RB izda il-fatt li hija hadet decizjoni zbaljata u ma waqfithiex meta din kienet ser tirkeb fil-vettura ta' RB ma jfissirx li hija kienet il-persuna li dahlet lil bintha fic-cirku tal-prostituzzjoni. Mill-provi rrizulta kjarament li l-minuri ddahlet fic-cirku tal-prostituzzjoni minn terzi persuni u ad insaputa ta' ommha u ghalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li l-imputata tista' tinstab hatja tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha."**

**18.** L-Avukat Ġenerali jirreferi wkoll għal dak li qal ċertu RB fl-istqarrija li għamel lill-Pulizija u liema stqarrija ġiet prodotta peress illi dan RB kien miet qabel ma ġie prodott biex jixhed. Din il-Qorti, pero`, ma tistax ma tirreferix għax-xiehda li tat il-minuri M.C. u dik li tat ommha, l-appellata, dwar iċ-ċirkostanzi tal-lejl in kwistjoni. Huwa evidenti minn din ix-xiehda li l-minuri marret ma' RB mingħajr ma ġiet imħeġġa minn ommha, anzi kontra x-xewqa ta' ommha.

**19.** Konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi li l-appellata ma kinitx ħatja tar-reat kontemplat fl-artikolu 204 tal-Kodiċi Kriminali, u b'hekk anke t-tieni aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu miċħud.

**20.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.